SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

**Laqgħa Nru. 07/K9/19**

Data tal-laqgħa: 31 ta' Ottubru 2019

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Dott. Albert Buttigieg – Sindku
Clayton Luke Mula – Viċi-Sindku
Guido Dalli – Kunsillier
Martin John Sultana – Kunsillier
Sean Gauci – Kunsillier
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
John Agius - Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1) – (1)**

Patricia Camilleri – Kunsilliera (Inc. 7703/2019).

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**07.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

07.1.01 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri talbet li tiġi skużata għal waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**07.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

07.2.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 06/K9/19 għall-approvazzjoni.

07.2.02 Il-Viċi-Sindku Clayton Luke Mula talab li ssir korrezzjoni fil-Minuti u jitniżżel li hu kien ippropona li jitwaħħlu mirja f'kull triq li tagħti għal ġo Triq Ivo Muscat Azzopardi. Wara diskussjoni qasira, il-Kunsillier Guido Dalli ippropona l-approvazzjoni ta' Minuti 06/K9/19 bil-korrezzjoni li saret.

07.2.03 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula ssekondah fl-approvazzjoni tal-Minuti 06/K9/19 bil-korrezzjoni li saret.

07.2.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

07.2.05 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt dwar ic-CCTV cameras. Iċ-Ċermen ippropona li l-Kunsill jimpjega Pulizija sabiex jagħmel sorveljanza ta' fejn hemm l-iskips biex jinqataw l-abbużi. Il-Kunsillier Sean Gauci ssekondah fil-proposta. Kien hemm qbil dwar din il-proposta. Il-Kunsillier John Agius talab li hu ma kienx qed jaqbel ma' din il-proposta għaliex iħoss li mhuwiex ġust li nibagħatu l-Pulizija wara bieb in-nies.

07.2.06 Il-Kunsillier Martin John Sultana talab jekk kienx hemm żvillup dwar l-ATM ta' Ta' Giorni, is-Segretarju nforma li għandna qed nistennew il-permessi jinħarġu mill-Awtorita' ta' l-Artijiet.

07.2.07 Il-Kunsillier Martin John Sultana talab jekk kienx hemm żvilluppi dwar it-tizbir ta' siġar, huwa ġie nfurmat li beda it-tiżbir fil-lokalita'.

07.2.08 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul qajjem il-punt dwar Triq Hans Stumme jekk hux ser issir bit-*tarmac* flok Triq Diodorus Siculus. Is-Segretarju infurmah li din irridu nissotomettu applikazzjoni ġdida biex nieħdu l-fondi ta' l-iżvillupp.

## 07.3 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen

07.3.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li kienet iddaħlet applikazzjoni mal-Planning Authority sabiex jinbena moll biex jibda jittrakka miegħu servizz ta' *hop on hop off*. Fuq dan is-suġġett, kelna wkoll talba mill-Kunsill ta' Tas-Sliema sabiex nieħdu azzjoni flimkien. Wara diskussjoni dwar l-effett li dan jista' jkollu fuq il-Bajja ta' Spinola kien hemm qbil li nagħmlu oġġezzjoni formali minħabba li dan ser iħalli effett negattiv fil-Bajja ta' Spinola speċjalment iż-żona fejn isir l-għawm.

07.3.02 Fit-8 ta' Novembru 2019 ser issir laqgħa nformattiva dwar id-diabete' filwaqt li filgħaxija ser issir l-laqgħa tal-Lokalita'.

07.3.03 Kien hemm qbil li tintbagħat ittra ta' awgurju lill-klabb tan-Neptunes dwar rebħa unuri matul l-istaġun kif ukoll dwar il-ħatra tal-president il-ġdid. Kellna wkoll ninfurmawhom dwar il-premju Ġieħ San Ġiljan li kien ingħata lill-Alfred Gauci ex. president tal-Klabb u li baqa' ma nġabarx

## 07.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

07.4.01 Il-Kunsillier John Agius qajjem il-punt dwar xi żvillupp dwar il-laqgħa li kellha ssir mal-kuntratturi tal-u shaped barriers. Is-Segretarju nfurmah li ser issir laqgħa mal-kuntratturi nhar it-Tnejn 4 ta' Novembru 2019 fis-2.00p.m.

07.4.02 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul filwaqt li rringrazzja lill-Kunsill li talli ġiet diskussa l-proposta tiegħu dwar is-*single use plastic*. Huwa talab informazzjoni fiex wasal l-iffirmar dwar il-projbizzjoni għal-użu tal-bżieżaq.

## 07.5 Proposta għall-tender dwar Works Manager;

07.5.01 Is-Segretarju ressaq għall-offerta sabiex ningaggjaw *works manager.* Saret diskussjoni u xi mistoqsijiet u kien hemm qbil li l-offerta toħroġ kif ġiet proposta.

## 07.6 Pjan ta' Ħidma;

07.6.01 Is-Segretarju ressaq għall-approvazzjoni il-Pjan ta' Ħidma li ser jiġi propost waqt il-Laqgħa tal-Lokalita'

07.6.02 Wara li saru xi korrezzjonijiet il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma.

07.6.03 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul ssekondah fl-approvazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma

07.6.04 Il-Kunsill qabel unanimament

**07.7 Talbiet żgħar;**

**07.7.01 Email mingħand l-ECABS dwar tree planting (Inc. 5648/19)**

07.7.01.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni filwaqt li l-Kunsill ser ikun qiegħed jindikalhom fejn għandhom jeħlu dawn is-siġar.

**07.7.02 Email dwar twaħħil ta' siġar fil-lokalita' (Inc. 5806/19)**

07.7.02.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ssir laqgħa magħhom.

**07.7.03 Email mir-Reġjun Ċentru dwar Proġetti taħt il-Pjan Economiku, Soċjali u Kulturali (Inc. 5819/19)**

07.7.03.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li ser isir course fil-bidu ta' Jannar 2020. Min hu interessat jista' japplika.

**07.7.04 Email dwar MOC Sports Award – Local Councils (Inc. 6028/19)**

07.7.04.01 Saret diskussjoni u l-unika kriterja li stajna napplikaw għaliha kienet dwar it-twaqqif ta' monument biex iffakar personalita' sportivita. Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul ġie nkarigat biex jagħmel l-applikazzjoni.

**07.7.05 Email dwar talba għall-temporary meter (Inc. 7111/19);**

07.7.05.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jaqbilx mal-proposta għaliex ma kienx hemm qbil li f'dik iż-żona jibda jieqaf trakk biex ibiegħ ikel u xorb.

**07.7.06 Email dwar proposed planters in Triq il-Mensija (Inc. 7572/19)**

07.7.06.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li saret applikazzjoni sabiex jiġu nstallati planters fuq il-parapett li hemm fi Triq il-Mensija.

**07.7.07 Email dwar Music Festival in Aid of Puttinu Cares (Inc. 7574/19)**

07.7.07.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li jingħata l-permess għal din l-attivita'.

**07.7.08 Email dwar Taghrif Siewi (Inc. 7606/19);**

07.7.08.01 B'riferenza għat-talba mingħand l-Għaqda nisa Ġiljaniżi kien hemm qbil li nippruvaw ngħinuhom u nsibulhom kelliema għal waqt it-taħdidiet li jixtiequ jagħmlu.

**07.7.09 Email dwar Melita FC Social Project (Inc. 7623/19);**

07.7.09.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ssir laqgħa magħhom.

**07.7.10 Email mingħand ir-Reġjun Ċentru dwar Skema Finanzjarja 1/2019 (Inc. 7759/19);**

07.7.10.01 Kellna proposta għall-finanzjament min-naħa tar-Reġjun Ċentru dwar skema ta' finanzjament għall-attivitajiet fil-Milied. Wara diskussjoni kien hemm qbil li dawn il-fondi jintużaw għal żewġ attivitajiet – waħda Kunċert Amadeus Chamber Choir dan il-kunċert ser jittela' fil-Knisja Parokkjali u l-attivita' l-oħra bil-bambin bis-sehem ta' tlett baned tal-lokal. Il-purċissjoni għandha issir bejn il-Knisja tal-Balluta u l-Parroċċa ta' San Ġiljan. Il-Viċi Sindku kellu jikkordina dawn iż-żewġ attivitajiet.

**07.7.11 Email dwar car booth sale**

07.7.11.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

**07.7.12 Email dwar Proposed objectives for the review of the 2014 Rural Policy Design Guidance (Inc. 7674/19);**

07.7.12.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li nagħtu kopja liċ-Ċermen.

**07.7.13 Ittra mingħand il-Planning Authority dwar Notifika ta' Avviz Skont l-Artikolu 97 tal-att VII tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Izvillup (Inc. 7505/19);**

07.7.13.01 Il-Kunsill ġie nfurmat.

**07.7.14 Email dwar Ċirk AKL 2019/124 World Children's Day 2019 (Inc. 7427/19);**

07.7.14.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ser jieħu ħsieba iċ-Ċermen.

**07.7.15 Email mingħand ir-RefaLightblue Partnership (Inc. 7327/19);**

07.7.15.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li dan ser jiġi iffirmat il-ftehim.

**07.7.17 Email mingħand il-Wasteserv dwar European Week for Waste Reduction.**

07.7.17.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ser ikun qiegħed jieħu ħsieba iċ-Ċermen.

**07.7.18 Ittra mingħand is-Sinjura Marilyn Demanuele dwar talba għall-reduced hours (Inc. 6007/19).**

07.7.18.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**07.7.19 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali Dwar Public Alleyway in St. George's Bay (Inc. 6096/19);**

07.7.19.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill jerġa jafferma li huwa kien qed japprova l-proġett li sar fuq sqaq bejn Triq Dragunara u Triq San Ġorġ mill-Kumpless GIG's u kien lest li jieħu l-manutenzjoni ta' t-tisbieħ li sar f'dan l-isqaq fuq l-art kif ukoll twaħħil ta' fanali dekorattivi.

**07.7.20 Email dwar Premju Soċjeta Ġusta 2019. (Inc. 7236/19);**

07.7.20.01 Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil li l-Kunsillier Martin John Sultana kien ser jipproponi persuna.

**07.7.21 Email dwar request to change Triq il-Kbira into One Way Traffic Flow (Inc. 7180/19);**

07.7.21.01 Il-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand it-Transport Malta li t-talba tagħna biex titbiddel is-sistema tat-traffiku fi Triq il-Kbira ma ġietx milqugħa. Il-Kunsill kien appella minn din id-deċiżjoni.

**07.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

06.8.01 Qabel l-aġġornament, saret diskussjoni dwar id-dati tal-laqgħa dan minħabba li l-Kunsillera Patricia Camilleri kien qed ikolla problema minħabba l-ħinijiet tax-xogħol tagħha kien hemm qbil li minkejja li niffisaw il-ġurnata tal-aġġornament nipprovaw insibu ġurnata li tkun tista' tattendi. Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa għal nhar il-Ħamis 21 ta' Novembru 2019.

06.8.02 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00p.m.

IFFIRMATI

| | |
|---|---|
| **Dott. Albert Buttigieg**<br>**Ċermen** | **Paul Spiteri**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |

**Data:** 21 ta' Novembru 2019